MINUTI

# Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

Laqgħa Numru 20/2016

It-Tnejn 14 ta' Novembru 2016

Il-Kumitat Amministratttiv għal Marsalforn iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson
Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson
Is-Sur Martin Cefai – Membru
Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – Ex Officio

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Sandra Grech – Membru
Is-Sur Simon Salomone Reynaud – Membru

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sinjura Marija Saliba - Chairperson ippresjediet il-laqgħa.

### 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**20.1.1** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji tal-membri S Grech u S Salamone Reynaud u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

### 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**20.2.1** Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 19/2016 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

**20.2.3** Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

**20.2.4** Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

**20.2.5** Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 20.3 Komunikazzjoni miċ-Chairperson

**20.3.1** Iċ-Chairperson irringrazzjat lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv talli aċċettat il-kariga u assigurat koperazzjoni sħiħa minn naħa tal-Kumitat. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi lesta li taħdem id f'id mal-Kumitat biex ikun jista' jitwettaq ix-xogħol.

**20.3.2** Dwar it-tiswija ta' taraġ taħt Triq Santa Marija ċ-Chairperson qalet biex niċċekkjaw mal-Perita tal-Ministeru għal Għawdex.

**20.3.3** Iċ-Chairperson talbet lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex titlob lill–Perit l-istima tal-bankini fi Triq Santa Marija.

## 20.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Membri

Ma kienx hemm tweġibiet.

## 20.5 Rapporti

Ma kienx hemm rapporti.

## 20.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

**20.6.1** Il-Kumitat approva:

- Kwotazzjoni ta' Paul Caruana għal bini u kisi ta' erba' bankijiet tal-*bricks* fil-Menqa ta' Marsalforn. Il-materjal se jkun provdut mill-Gvern Ċentrali.
- Toħroġ kwotazzjoni/offerta sabiex isiru *rumble strips* fi Triq il-Wied. Għandu jiġi kkuntattjat il-Perit dwar dan.
- Li tinġab approvazzjoni minn Transport Malta biex isiru *double yellow lines* mal-kantuniera tal-Mellows għal Triq il-Wied.
- Li tinġab approvazzjoni minn Transport Malta biex isiru *double yellow lines* fi Triq Daħlet L-Għarajjex.
- Li tintalab l-istorja lis-Sur Mario Cassar dwar il-lapida tal-gwerra li ser issir fil-Menqa.
- Li jsir it-tiżjin tal-Milied fit-toroq Munġbell u Qbajjar u li tintrema s-siġra ta' quddiem il-knisja bil-festuni.
- Li ssir l-ikla tal-Milied. Is-Sindku qal li tajjeb li din l-ikla ssir flimkien mal-membri tal-Kunsill taż-Żebbuġ. Il-Kumitat qabel li din għandha ssir għal nofs Jannar. Il-festin tal-Milied għat-tfal ser isir għat-tfal ta' Marsalforn flimkien mat-tfal taż-Żebbuġ. Is-Sindku ssuġġerixxa li tintalab kwotazzjoni biex il-festin isir Villa Fiorita.
- Li jintalbu sitt ritratti lil Joe Zammit għall-kalendarju 2017.

**20.6.2** Dwar il-*pedestrian crossing* fi Triq il-Qbajjar saret laqgħa mal-Perit fuq il-post. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kamra d-dokument imħejji mill-Perit dwar din il-*pedestrian crossing.* Wara diskussjoni ġie deċiż illi nerġgħu nkellmu lill-Perit dwar sit alternattiv.

**20.6.3** Komunikat mid-Dipartiment tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar permessi għal Sajf 2017 f'Marsalforn. Is-Sindku qal li għandha

tintbagħat komunikazzjoni lid-dipartiment biex id-data 19 ta' Awwissu 2017 titħalla libera minħabba l-festa tal-lokal. Il-Kumitat qabel.

**20.6.4** *E-mail* tas-Sur L Cushieri dwar *plot* mhix mibnija fi Triq tan-Naħla u li qed tikkawża akkumulazzjoni ta' skart u bil-problemi li dan iġib miegħu. Iċ-Chairperson qalet illi din il-problema ilha tkaxkar is-snin u donnu ma tistax tinstab soluzzjoni. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet diġa nfurmat lill-uffiċjal G Cini tal-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex jittieħdu l-passi neċessarji.

**20.6.5** Is-Sur M Cefai ssuġġerixxa li fi Triq il-Port issir ċinta bin-nofs tond sabiex tilqa' l-mewġ tal-baħar. Is-Sindku qal illi qabel jitranġa l-*breakwater* tagħmel x' tagħmel kollu għalxejn.

**20.6.6** Il-Kumitat qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni lill-Ministeru għal Għawdex biex tiddawwal Triq il-Qbajjar kantuniera ma' Triq Santa Marija.

**20.6.7** Tinġibed l-attenzjoni lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp biex isiru bankini ġodda fi Triq ir-Rabat. Dawn qegħdin fi stat ħażin ħafna u perikolużi għax hemm livelli differenti.

## 20.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kumitat intemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 12 ta' Diċembru 2016 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 12 ta' Diċembru 2016.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Marija Saliba | Josianne Cassar |
| Chairperson | Deputat Segretarju Eżekuttiv |